# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 29 ta’ Mejju tas-sena 2001.**

**Numru 19**

**Avviz numru 262/01/SM**

**Edwin Zammit ezercenti l-kummerc taht l-isem EZ Creations.**

**vs**

**Salvatore sive Sunny Dimech.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u sitta u erbghin lira Maltin (LM446) rappresentanti "art work” u xoghol ta’ “printing” maghmul mill-attur b’inkarigu tal-konvenut fil-‘Castro’s Club Latino’ f’Marsaxlokk liema somma l-konvenut obbliga ruhu diversi drabi li ser ihallas izda baqa’ inadempjenti;**

**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi sitt liri Maltin (LM6) tal-ittra bonarja tas-17 ta’ Jannar 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**